MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 1358/1999/1

**Louis Borg Falzon**

**vs**

**Korporazzjoni Enemalta**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 14 ta’ Gunju 1999 ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn espona: -

Illi l-attur fil-kors tal-impjieg tieghu mal-Korporazjoni konvenuta sofra griehi serji f' partijiet ta' gismu fl-incident tal-11 ta' Marzu 1999 fil-process li kien qieghed isir trasferiment ta' *fuel* minn Bulk 1 ghall-bowser.

Illi ghal dan l-incident hi unikament responsabbli l-Korporazjoni konvenuta minhabba att jew ommissjoni *da parte* taghha li jirrenduha passibbli ghad-danni.

Illi l-Korpornzjoni konvenuta *nonostante* li giet interpellata biex tersaq ghal-likwidazjoni u hlas tad-danni baqghet innadempjenti.

Tghid ghalhekk l-istess Korporazzjoni konvenuta ‘l ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti: -

1. Tiddikjara u tiddeciedi Illi l-Korporazjoni konvenuta hi fi htija ghall-incident li sehh fil-11 ta' Marzu 1999 li gara kif fuq inghad u li fih l-istanti sofra griehi personali.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-istanti b'rizultat u b’ effett tal-precitat incident.

3. Konsegwentement tikkundanna lill-Korporazzjoni konvenuta thallas lill-istanti s-somma hekk likwidata *in linea* ta’ danni.

Bl-interessi u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' April 1999 u tal-ittra legali tal-10 ta' Mejju 1999 kontra l-Korporazjoni konvenuta ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tat-23 ta’ Novembru 1999.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni Enemalta datata 5 ta’ Ottubru 1999 (fol 9) fejn esponiet: -

1. Illi l-azzjoni attrici hija kompletament infondata sew fil-fatt u kif ukoll fid-dritt, u ghadha tigi michuda bl-ispejjez, *stante* li l-Korporazzjoni eccipjenti bl-ebda mod ma hi responsabbli ghall-incident in kwistjoni, u ghad-danni sofferiti mill-attur.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta nkluz dak tal-31 ta' Mejju 2002 fejn id-difensuri tal-partijiet talbu li l-kawza tibqa' differita ghas-sentenza bil-fakolta` tan-noti limitatament ghal kwistjoni tar-responsabbilta`. Il-Qorti qabel xejn tat lill-konvenut gimaghtejn zmien sabiex jesebixxi permezz tan-nota fir-Registru u r-rapport lill-Inginier Philip Borg b' kopja ghal kontro-parti. Il-Qorti laqghet it-talba u halliet l-kawza ghas-sentenza ghall-4 ta' Ottubru 2002 u tat lill-attur sal-ahhar ta' Gunju 2002 ghall-prezentata tan-nota, u l-konvenut ikollu sal-ahhar ta' Lulju 2002 ghar-risposta, liema noti jsiru bil-*visto* tal-kontro-parti; u rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Ottubru 2002 u tas-6 ta' Dicembru 2002 fejn il-kawza giet deciza *in parte*, illi : -

*"Il-Qorti,*

*Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti ssib lill-Korporazzjoni konvenuta responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur. Il-Qorti ghalhekk tiddeferixxi l-kawza ghas-seduta tas-27 ta' Marzu 2003 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta biex jigu likwidati d-danni sofferti mill-attur u ghall-eventwali kundanna.*

*L-ispejjez riservati ghall-gudizzju finali."*

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Novembru 2005 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn l-Avukati tal-partijiet iddikjaraw li ma fadlilhomx provi aktar xi jresssqu u halliet l-kawza ghat-trattazzjoni. Il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghat-28 ta' Frar 2006, b' dan illi l-partijiet ghandhom iressqu noti ta' sottomissjonijiet dwar l-aspett tal-likwidazzjoni tad-danni bi zmien sas-16 ta' Jannar 2006 bil-*visto* reciproku tal-Avukat tal-kontro-parti.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur datata 13 ta' Jannar 2006 a fol 167 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Korporazzjoni konvenuta datata 18 ta' Jannar 2006 a fol 174 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti l-ohra kollha nkluz dak tat-12 ta’ Dicembru 2012 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn b’ ordni tal-Qorti l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ April 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta’ Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ April 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn b’ ordni tal-Qorti din il-kawza giet differita ghad-19 ta’ Novembru 2013 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz ta' din il kawza, l-attur qed jitlob ir-risarciment ghad-danni li soffra minhabba incident li sehh fuq il-post tax-xoghol tieghu mal-Korporazzjoni konvenuta fil-11 ta' Marzu1999. Hu kien sofra griehi serji waqt il-process li kien qieghed isir ta' trasferiment ta' *fuel* minn Bulk 1 ghall-bowser.

Ghalhekk l-attur talab li l-Korporazzjoni konvenuta tigi ddikjarata responsabbli ghall-incident imsemmi u li jigu likwidati d-danni sofferti minnu minhabba dan il-korriment u fl-ahharnett sabiex is-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur id-danni kollha hekk likwidati.

Bi twegiba ghal dawn it-talbiet, is-socjeta' konvenuta irrespingiet kull responsabbilta' ghall-incident u ghad-danni sofferti.

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza jikkoncernaw incident li sehh fil-11 ta' Marzu 1999 meta l-attur, flimkien ma' shabu, lkoll impjegati mal-Korporazzjoni Enemalta fil-*Petroleum Division, Tank Cleaners Group,* marru l-ajruport sabiex inaddfu wiehed mit-tankijiet li jintuza biex jahzen l-*aviation fuel*. Waqt il-process ta' zvojtjar tat-tank

ghal gol-*bowser,* il-kompartament tal-bowser ha n-nar u harget vampa daqs sajjetta li harqet lill-attur f'wiccu u f'idejh. Wara l-incident ittiehed l-isptar ghall-kura fejn gie ammess fil-*burns unit.* L-attur ma marx ghax-xoghol ghal circa sitt xhur.

Fis-6 ta' Dicembru 2002[1] din il-Qorti kif diversament presjeduta, iddecidiet dwar it-talba ta' responsabbilta' ghall-incident billi sabet lill-Korporazzjoni konvenuta responsabbli ghall-incident u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur u halliet il-kawza sabiex jigu likwidati d-danni sofferti u ghall-eventwali kundanna tal-hlas tal-istess.
Din is-sentenza hija ghalhekk limitata ghat-tieni u t-tielet talbiet attrici ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti.

**Provi Prodotti**

Din il-Qorti kif diversament presjeduta, hatret bhala esperti medici lill-psikjatra Dr. George Debono u lill-kirurgu ortopediku Charles Grixti[2].

**Rapport tal-Esperti Medici**

Sabiex tigi determinata d-dizabbilta` permanenti tal-attur bhala rizultat tal-incident in kwistjoni, inhatru espert fl-ortopedija u espert psikjatriku minn din il-Qorti kif diversament presjeduta.

Il-kirurgu Charles Grixti, fir-rapport tieghu[3] qal li ezamina lill-attur fis-27 ta' Ottubru 2003 kif ukoll ra l-*x-rays* u l-MRI *scans* tieghu. Minn din l-ezami sab li "*L-ispina cervikali zammet il-posizzjoni taghha. Kien hemm nuqqas ta' moviment bi 30% tan-normal meta jbaxxi rasu 'l isfel, jitfaghha lura jew lejn il-genb filwaqt li s-sahha f'dirghajh tal-lemin u tax-xellug kienu normali.*

L-espert ikkonkluda li :

---

[1] Sentenza a fol. 74 et seq. tal-process.
[2] Digriet a fol. 83 tal-process moghti fit-8 ta' Ottubru 2003.
[3] Esebit a fol. 89 tal-process.

"*Louis Borg Falzon sofra hruq f'idejh il-leminija u f'wiccu kif ukoll sofra effetti ta' skoss fl-ghonq u d-dahar meta ngibed lura waqt accident fejn vampa tan-nar telghet ghal wiccu.*
*Griehi f'idejh u f'wiccu kif ukoll ta' hruq fiequ tajjeb.*

*L-ilment li baqa' huwa kkagunat mill-irritazzjoni tan-nerf mill-ghonq u mid-dahar minn disk kif ukoll mill-artrite fin-naha t'isfel tal-ghonq u tad-dahar. Minhabba dan irid jevita li jerfa' affarijiet tqal jew li jitbaxxa u anke li joqghod b'ghonqu baxxut ghal hin twil jew jixxabba ghall-affarijiet.*"

Sab li l-artrite kienet antecedenti ghall-incident "*Pero` l-iskoss ikkaguna l-irritazzjoni tan-nerf tal-ghonq.*"

Ghaldaqstant hu sab li d-dizabbilta` li sofra l-attur kagun tal-incident li kellu fil-11 ta' Marzu 1999 kienet ta' sitta fil-mija (6%).

Fir-rapport tal-Espert psikjatriku **Dr. George Debono**[4] insibu li, wara li ezamina lill-attur fil-24 ta' Ottubru 2003, sab li kien bniedem normali izda li "*zviluppa depressjoni mentali reattiva ghall-ewwel darba ftit wara l-incident tieghu u kienet accentwata mill-ammont ta' ugiegh li sofra u li ghadu jbati minnha sallum. Din il-marda kienet gravi bizzejjed li ghal xi zmien kellu jikkonsulta psikjatra u jiehu medicini ghaliha u li ghadu jiehu ftit minnhom sallum. Ghad illi hu qieghed jirranga xorta, ghadu jbati minnha u mit-tibdil fil-personalita' li sofra wara l-incident.*"
L-espert ikkonkluda li "*Skont kif jidher il-progress tal-marda ghandu bil-mod jirranga aktar u dan ikun aktar effettiv jekk imurlu l-ugiegh kompletament ghaliex dan jidher fattur importanti fil-marda mentali tieghu. Il-fatt li ghad ghandu sintomi paranojki jista' madanakollu jtawwal il-kura ghall-aktar zmien minn normal.*"

**Dr. George Debono** xehed in eskussjoni[5] u qal li ma kienx hareg cifra ghad-debilita` peress li ghalkemm beda josserva fl-attur li kien qed jaghmel titjib f'dak li jirrigwarda

---

[4] Esebit a fol. 95 tal-process.
[5] Xhieda a fol. 98 et.seq.tal-process.

id-*depression,* ra li l-attur kellu bzonn kura aktar fit-tul ghall-aspett ta' *paranoia* li rriskontra fih qabel ma jigi stabbilit l-istat tieghu.

Madanakollu hu seta jikkalkula, fuq bazi ta' sistema Amerikana, li "*nikkonkludi illi bil-fattur tal-paranoia inkluz, id-debilita' tal-attur tinfirex mill-10%% sa' 13%. ..Jiena qed inkun konservattiv...u nghid ukoll li zammejt ewlenija f'mohhi in konsiderazzjoni li ladarba l-attur kien qieghed jirrispondi ghat-trattament, allura qist li fil-futur ikun hemm tnaqqis tad-debilita' tieghu."*

Applikat il-kriterji addottatti fis-sistema Maltija, li huma aktar wesghin, qal li "*l-istess cirkostanzi fir-rigward tal-attur kienu jaghtu bejn wiehed u iehor l-istess percentwali pero' x'aktarx ftit ghola."*

Xehed il-**Kirurgu Carmel Sciberras**[6] u esebixxa rapport mediku redatt minnu dwar l-attur tal-21 ta' Jannar 2003 (**Dok. CS)**[7] fejn sab, wara li ezamina lill-attur fis-16 ta' Jannar 2003, li kien qed isofri minn debilita' ta' 12%. Qal li l-ghonq u d-dahar baqghu jugghuh minkejja li ma kienx qed jerfa' pizijiet fuq x-xoghol. Kellu jiehu medicinali ghad-*depression* li ziedulu l-piz u din il-hxuna kompliet taggrava il-problemi li kellu f'ghonqu u f'dahru. Dawn kienu jeffettwawlu l-kwalita' tax-xoghol. Qabel dan l-incident ma' kellux *history* ta' ugiegh f'dahru u f'ghonqu.

Hu xehed li l-*MRI scan* li sar fis-26 ta' Marzu 2000 "*ma weriex artrite".* L-i*scan* wera *a left sided disc protrusion, jigifieri li d-disc hareg 'il barra minn postu at C6/6 level u dan qed jikkawza djuq, stenosis."* Difatti insista li ma kienx hemm artrite fil-pazjent.

Xehed ukoll li "*l-probabbilta' kbira hi li l-ugiegh li ghandu (giet) mill-waqa', mill-jerk, mill-iskoss li ha biex jiffranka n-nirien."* Spjega li l-ewwel ma thoss huwa l-ugiegh mill-hruq, u l-ugiegh fl-ghonq u fid-dahar jizviluppa wara.

---

[6] Xhieda a fol. 110 et.seq. tal-process

[7] Esebit a fol. 105-109 tal-process.

Xehed l-**Attur**[8] u qal li kellu 41 sena fid-data tal-incident. Kien u ghadu impjegat bhala *senior fitter* mal-Enemalta u huwa kwalifikat bic-certifikati tac-*City & Guilds.* Il-paga tieghu hi ta' Lm429.53 kull erba' gimghat, mahdum bl-*increments kollha* ***(DOK BF1)***[9]**.**
Xehed li qabel l-incident kien ikollu qliegh ghall-*overtime* b'mod regolari ta' mill-inqas bejn Lm1,000 u Lm1,200 fis-sena u kien jahdem medja ta' 8 sieghat fil-gimgha sahra. Dan waqaf kagun tal-incident peress li ma baqax jiflah ghalih minhabba sahhtu, kemm fizika kif ukoll mentali, "*ma stajtx nahdem."*

Esebixxa *payslip* ta' *senior fitter* iehor, Mario Cassar li jaghmel l-istess xoghol li kien jaghmel hu, u ghall-perjodu 1999 sa 2004, dan qala' Lm9606 f'*overtime* ***(DOK BF2-7***[10]***)***.

Hu qal li lanqas jiflah ghax-xoghol matul il-gurnata peress li hu ta' strapazz u jkollu l-ghajnuna ta' shabu. Mentalment sar jinsa, jitlef mill-koncentrazzjoni malajr, u jdum biex jiehu decizjoni. Minhabba dan kellu jnaqqas hafna mix-xoghol u ma jistax jistenna li jiehu promozzjonijiet jew isib impieg ahjar. "*Il-promozzjonijiet interni m'ghandix cans ghalihom billi wahda mir-rekwiziti dejjem tkun li trid tkun medikament tajjeb."*

Hu dahal f'hafna spejjez kagun tal-incident **(DOKTI BF8-13)** ammontanti ghal Lm1,016, ghall-vizti medici. Dawn huma rcevuti rilaxxati minn diversi tobba u konsulenti, cioe` Mr. Carmel Sciberras, Dr. Abraham Galea, Mr. Charles Grixti, u minn St James Hospital, kif ukoll Lm1,336.42 **(DOK LBF1**[11]**)** ghall-medicini.
**In-kontro ezami** qal li m'ghandux ricevuti ghall-medicini imsemmija fil-prospett tieghu.

Xehdet **Doreen Borg Falzon** mart l-attur[12] u qalet li zewgha kien hareg fuq *injury sick leave* minhabba l-

[8] Affidavit a fol. 119 et.seq. tal-process.
[9] Esebit a fol. 121
[10] Esebiti a fol. 122-128.
[11] Esebit a fol. 141-142 tal-process.
[12] Affidavit a fol. 134-135 tal-process.

incident u wara sitt xhur il-Bord Mediku tal-Enemalta iddecieda li kien tajjeb biex jerga' jidhol lura ghax-xoghol. Zewgha bilkemm kien jiflah jahdem il-gurnata normali tant li l-korporazzjoni accettat li jiehu l-*leave* bis-sieghat minghajr ma jaghtihom avviz twil minn qabel.

Hi qalet li l-ugiegh li kien isofri zewgha tant kien persistenti li sena wara li dahal ghax-xoghol kellu jerga' johrog bis-*sick leave*. It-tabib tax-xoghol, Dr. Maurice Abela, kien issuggerilha li jara psikjatra peress li kien beda jiffissa fuq il-mard u l-medicini li kien jiehu u ghamlu appuntament ma' Dr. Abraham Galea. Dan mill-ewwel induna li kien waqa' f'*depression* qawwija hafna u tah il-medicini. Baqghu imorru ghandu mill-inqas darba fix-xahar.

Zewgha ghamel disa' xhur ohra fuq *sick leave, "sitt xhur minnhom fuq full pay u tliet xhur fuq half pay"*. Minhabba l-kondizzjoni tieghu seta' biss jaghmel *light work* u tilfu d-dhul mis-sahra.

L-ispiza rikorrenti ghall-medicini li jiehu jammonta ghall-circa Lm30 fix-xahar apparti l-ispiza ghall-vizta mensili ghand il-psikjatra.
**In-kontro ezami** xehdet li kienu gew infurmati li zewgha ma kienx eligibbli biex jiehu medicini minghajr hlas mis-servizzi tas-sahha.

L-attur esebixxa b'nota[13] diversi certifikati datati rispettivament il-21 ta' April 2004, 17 ta' Awwissu 2005 u is-26 ta' Ottubru 2005 rilaxxati minn Dr. Abraham Galea dwar il-kondizzjoni tal-attur fejn fl-ahhar certifikat sab li kien ghadu jbati minn *depression* u ppreskrivielu medicinali.

## Konsiderazzjonijiet dwar Dizabbilta`

L-attur sofra griehi serji konsegwenza tal-incident in kwistjoni. Dawn kienu mhux biss ta' natura fizika, imma wkoll ta' natura psikika in kwantu li kkagunawlu

[13] A fol.137 tal-process.

*depression* u *acute paranoia*. Jirrizulta mix-xhieda kemm tal-esperti nominati, kif ukoll tal-konsulenti privati tal-attur li minhabba l-ugiegh, id-*depression* kif ukoll l-ossessjonijiet dwar il-mard li hakmuh konsegwenza tal-incident, u l-effetti tal-pilloli li kellu jiehu, l-attur waqa' f'cirklu vizzjuz li jkompli jaggravalu ghonqu u dahru. (Ara xhieda tal-Kirurgu Carmel Sciberras). *Inoltre* baqa' fizikament debilitat u jkollu "*jevita li jerfa' affarijiet tqal jew li jitbaxxa u anke li joqghod b'ghonqu baxxut ghal hin twil jew jixxabbat ghall-affarijiet." (*Rapport tal-Espert Charles Grixti).

Id-danni fizici li ssubixxa kienu b'rizultat tal-iskoss li ha meta pprova jiskapula l-vampa tan-nar li telghet ghal wiccu. Il-Qorti hija soddisfatta li d-debilita` fizika u l-ugiegh li baqa ' ihoss kienu konsegwenza tal-incident imsemmi. Hekk qal il-Kirurgu Charles Grixti fir-rapport tieghu (*"sofra effetti ta' skoss fl-ghonq u d-dahar meta ngibed lura waqt accident fejn vampa tan-nar telghet ghal wiccu"). Inoltre* l-Espert psikjatriku Dr. George Debono sab li "*Mill-ezami rrizulta li d-disturbi mentali bdew wara ftit xhur mill-incident."*[14]

Mill-atti johrog li l-attur kien ikkonsulta privatament espert mediku fl-ortopedija, Mr. Carmel Sciberras kif ukoll il-psikjatra, Dr. Abraham Galea, u baqa' isegwi l-kura taghhom. Jirrizulta li hemm divergenza bejn il-konkluzjoni tal-espert mediku Mr. Charles Grixti li sab dizabbilta' fil-grad ta' 6% u dik tal-Kirurgu Mr. Carmel Sciberras li sab grad ta' dizabbilta` ta' 12%. It-Tabib Sciberras, kontrarjament ghall-espert, ma sab fil-pazjent ebda sinjal ta' artrite. Anzi eskludih kategorikament. Huwa minnu li Mr. Grixti semma' *X-Rays* tal-attur u mhux biss l-*MRI scans* izda Mr. Sciberras qal li "*l-MRI ma weriex artrite". Il*-Qorti tifhem li *scan* jista' juri sinjali ta' artrite daqs *X-Ray* u meta qal li ma sab ebda sinjal tal-artrite, il-Kirurgu Sciberras kien qed jistrieh fuq l-ezami li ghamel tal-pazjent, kif ukoll minn *scans* fejn kien jistenna li kienu jidhru sinjali li jevidenzjaw l-artrite.

[14] Rapport a fol.95 tal-process.

*Inoltre* ghalkemm Mr. Grixti sab li l-attur kien afflitt b'artrite antecedenti ghall-incident u li dan kien fattur kontributorju ghall-kondizzjoni debilitata tieghu kkonferma li "*Pero` l-iskoss ikkaguna l-irritazzjoni tan-nerf tal-ghonq."*

Il-problema allura rejalment tirrizolvi ruhha f'wahda ta' apprezzament u valorizzazzjoni tal-provi mil-lat mediku. F'dan il-qasam il-Qorti jkollha necessarjament tistrieh fuq il-fehma konsidrata ta' professjonisti kwalifikati ta' esperti in materja. Fil-kaz odjern tinnota li l-attur ma talabx il-hatra ta' periti perizjuri u offra biss ix-xhieda tal-konsulent privat tal-attur. *Inoltre* ebda wiehed mill-partijiet ma pproduca lit-tabib Grixti in eskussjoni fuq dan il-punt. Madanakollu il-Qorti lanqas ghandha biex tiddubita mill-veracita' tax-xhieda ta' Mr. Sciberras daqskemm m'ghandhiex tiddubita mill-professjonalita' u mill-esperjenza ta' Mr. Grixti. It-tnejn xehedu dwar l-opinjoni professjonali taghhom abbazi ta' dak li kkonstataw mill-ezami tal-attur u tar-rizultati tat-testijiet tieghu.

Il-Qorti fic-cirkostanzi, izda, hija tal-fehma li m'ghandhiex tiskarta l-opinjoni ta' wiehed jew l-iehor peress li fil-kamp mediku, ma hemm ebda certezza mija fil-mija, u qed taddotta *weighted average* ta' 9% ghad-dizabbilta' ortopedika tal-attur.

Rigward id-debilita` psikika hu *ormai* pacifiku fil-gurisprudenza taghna li d-debilita psikika hija daqstant reali bhal dik li teffettwa fizikament il-gisem. Dwar dan, il-Qorti tal-Appell fil-kaz "***Peter Sultana -v- Anthony Abela Caruana -*** (dec. fil-15 ta' Jannar 2002) osservat hekk:
*"Fi kliem iehor, ukoll jekk is-sintomi tal-attur ghandhom aktar mill-"psikologiku" milli mill-"organiku", xorta huma sintomi li tassew ihallu effett fuqu, fuq is-setghat tieghu, fuq il-mod kif ihares lejh innifsu u, ghalhekk, fuq il-kapacità tieghu li jahdem u li jimxi 'l quddiem fix-xoghol tieghu. Ihallu, ghalhekk ukoll, effett fuq dak li jinteressana f'din il-kawza: is-setgha tieghu li jaqla' l-flus. Dawn is-sintomi nholqu minhabba l-incident, u ghalhekk kien l-incident il-kawza diretta tat-telf li qed igarrab l-attur."*

Dwar il-grad ta' dizabbilta`, Dr. George Debono sab li l-attur waqa' f'*depression* u osserva "*deher minn wiccu u kif irrisponda l-mistoqsijiet li ghadu jsofri mill-marda tad-dipressjoni, ghadu letargiku b'disturbi fil-hsibijiet u sinjali paranojki forma ta' biza li qeghdin jigru warajh."* Sab li "*Mill-ezami deher illi s-sur Borg Falzon kien bniedem normali u zviluppa depressjoni mentali reattiva ghall-ewwel darba ftit wara l-incident u kienet accentwata mill-ammont ta' ugiegh li sofra u li ghadu jbati minnu sal-lum."*

Dr. Debono kkonkluda li "*Ghad illi hu qieghed jirranga xorta, ghadu jbati minnha u mit-tibdil fil-personalita' li sofra wara l-incident".*

Dan hu sostnut ukoll minn Dr. Abraham Galea li baqa' jigi kkonsultat mill-attur u li rrilaxxja certifikati esebiti in atti, l-ahhar wiehed datat is-26 ta' Ottubru 2005.

Fix-xhieda tieghu in eskussjoni Dr. Debono sab li l-attur kellu grad ta' dizabbilita' ta' bejn 10% u 13%[15] liema figura spjega li hija wahda konservattiva izda biex wasal ghal din ic-cifra qies ukoll li ghandu jkun hemm tnaqqis tad-debbilita' soffert mill-attur fil-futur. Il-Qorti tenut kont ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, ser taddotta rata ta' 11% ghad-dizabbilta' psikika.

B'kollox ghalhekk ir-rata ta' dizabbilta` applikabbli ghall-kaz odjern, konsegwenza tal-incident tal-11 ta' Marzu 1999 hija ta' 20% (9%+11%).

**Likwidazzjoni tad-Danni**

Illi stabbilita r-rata ta' diżabbilta` applikabbli, l-Qorti se tgħaddi issa għal-likwidazzjoni tad-danni.

"**L-Artikolu 1045 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, li jipprovdi li *"il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha....hija t-telf effettiv li l-ghemil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-*

[15] Seduta tas-27 ta' Jannar 2005 pagna 2 a fol. 99 tal-process.

*paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta' jgib".*

Fis-sub-artikolu (2) insibu li "*Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita' mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacita` ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.*"

**Damnum Emergens**

Il-Qorti, b'applikazzjoni tal-principji kostantament enunzjati mill-Qrati taghna, tirritjeni li m'ghandha ebda diskrezzjoni fir-risarciment tat-telf effettivi konsistenti fi spejjes inkorsi minhabba l-hsara kagunata u t-telf ta' paga jew qligh iehor attwali. (Ara- **App. Civ. "*Darren Sammut -v- Eric Zammit*"** - dec. fit-3 ta' Dicembru 2004.)

L-attur qed jitlob risarciment tal-ispejjez medici[16] konsistenti fis-segwenti:

| | |
|---|---|
| Vizti tat-Tobba (**Dok. BF2-7)** | Lm1,016 |
| Spejjez Medici **(Dok. LBF1)** | Lm1,336.42 |
| | **Lm2,352.42** = **€5,479.66** |

Il-Korporazzjoni konvenuta ma qablitx ma' dawn l-ammonti. Dwar spejjez ta' vizti medici, lanjat li dawn jinkludu spejjez ta' Lm300 ghal *MRI Scan* mentri ma jirrizultax li dan l-i*scan* kien necessarju peress li sar tliet snin wara l-incident. Dwar dan il-Qorti tosserva li hadd ma jissottoponi ruhu ghall-i*scan* b'kapricc u dejjem ikun hemm riferenza medika biex tali *scan* isir. L-attur wegga' minhabba l-incident li, fl-ahhar mill-ahhar, kienet responsabbli ghaliha l-korporazzjoni konvenuta u jidher li l-attur baqa' taht kura medika anke waqt il-proceduri.

*Inoltre* l-Korporazzjoni oggezzjonat ghall-ispejjez medici reklamati peress li mhumiex sostnuti b'ricevuti u tghid

[16] Affidavit tal-attur a fol. 151

ukoll li l-attur seta' jekk ried, juza medicini ohrajn anke b'xejn mill-Isptar.

Il-Qorti ma taqbilx ma dawn is-sottomissjonijiet. Il-medicinali msemmija fil-prospett esebit mill-attur **(DOK LBF1)** kienu preskritti mit-tobba li l-attur kien qed jikkonsulta u kienu mehtiega ghall-kura tieghu. Hekk ikkonferma Mr. Sciberras u hekk jirrizulta mic-certifikati esebiti rilaxxjati mit-tabib Abraham Galea. Dr. George Debono ghamel riferenza ghall-fatt li l-attur kien qed jara konsulenti ohrajn u anke jiehu medicinali u ma semma' xejn dwar l-idonejita' *o meno* tat-trattament li kien qed jircievi.

Il-Qorti tinnota li l-medicinali huma dettaljatament u minuzjosament elenkati fil-prospett **LGF1** u m'ghandhiex ghalfejn tnaqqas mill-ammont mitlub. *Inoltre* mart l-attur xehdet li sabu li ma kienux intitolati ghall-medicini minghajr hlas. Dwar dan tosserva li l-konvenut kellu kull opportunita` li jressaq xhieda biex jikkontesta din l-allegazzjoni jekk ried izda dan ma ghamlux.

Il-Qorti kkonsidrat li l-ispiza ghall-medicini tkopri perjodu minn Jannar 2002 sa Ottubru 2005 u dawn jikkonsistu fi trattamenti ghad-dipressjoni u *acute paranoia.* L-ammont mitlub fuq medda ta' 4 snin huwa ragjonevoli u l-Qorti ser taccetta l-ammont pretizi ghall-vizti u trattament mediku fl-ammont komplessiv ta' **€5,479.66.**

**Telf ta' *Overtime***

L-attur issottometta li sofra diminuzzjoni fid-dhul regolari tieghu b'effett tal-incident billi ma kienx iktar fizikament possibbli ghalih li jahdem *overtime*. Hu esebixxa *payslips* ta' impjegat iehor fl-istess grad ta' *senior fitter* u bl-istess kondizzjonijiet ta' xoghol bhalu mal-korporazzjoni konvenuta, u sahaq li dan jaqla' media ta' Lm2,000 fis-sena *overtime*.

L-attur isostni li t-telf ta' dhul mill-*overtime* fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz tieghu, huwa telf effettiv - *damnum emergens* - u qed jitlob li jigi rimborsat ta' dan it-telf fl-

intier tieghu ghas-snin bejn 1999 sa' 2004 li jikkalkula jammonta ghal Lm14,000.

Dwar dan il-Korporazzjoni, gustament osservat li l-attur ghazel li ma jesebixxix il-P3's jew FS3's tieghu ghas-snin antecedenti ghall-incident biex isostni l-allegazzjoni tieghu li kien jaqla' medja ta’ Lm1,000-Lm1,200 fis-sena *f'overtime* u strah fuq *payslips* ta' persuna ohra. Izda dwar dan il-punt, il-Qorti tifhem li din l-informazzjoni kienet daqstant accessibbli ghall-korporazzjoni konvenuta li ghazlet li ma tipproducix il-*payslips* jew FS3's tal-attur biex tikkontradixxi dak li kien qed jghid l-attur, u tqis li din l-ommissjoni lampanti hija konferma tal-veracita' tal-allegazzjoni tal-attur.

Mill-*payslips* esebiti ta' Mario Cassar (**Dokti.B2-B7**), li l-awtenticita taghhom lanqas giet ikkontestata, jirrizulta li fis-sena 1999, dahhal Lm2,064 f'sahra; Lm2,049.71 fis-sena 2000; ghall-2001 gie registrat Lm279.60 ghax-xahar ta' Dicembru; Lm1,797 fis-sena 2002; Lm2,109 fis-sena 2003; u Lm1,309 ghall-ewwel 5 xhur ta' 2004.

Dwar l-ammont li l-attur kien idahhal mill-*overtime,* il-Qorti thoss li ghandha tistrieh fuq dak li xehed l-attur bil-gurament peress li tifhem li jaf sew kemm kien idahhal bhala paga, u kemm hu kif ukoll martu qablu li din kienet tilhaq medja ta' Lm1,000-Lm1,200 fis-sena.

L-abbli difensur tal-attur sostna li l-applikazzjoni tal-*multiplier* ghandu jibda mid-data tas-sentenza, u d-dhul li seta’ idahhal mill-*overtime* pre-ezistenti jirraprezenta telf effettiv. Konsegwentement telf ta' dhul mis-sahra ghandu jigi rimborsat fl-intier tieghu peress li kien telf kagun tal-incident li l-attur ma setax ikompli jahdem ghal sighat twal fix-xoghol tieghu.

Il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument peress li dan it-tnaqqis huwa kwantifikabbli bhala d-danni li ser isofri mid-data tal-incident bhala konsegwenza tad-debbilita` tieghu li din necessarjament tincidi fost hwejjeg ohra fuq il-kapacita` lavorattiva tieghu. Il-Qorti ser tqies l-ammont ta' dhul mis-sahra bhala parti mill-introjtu regolari li kien

igawdi minnu qabel l-incident kif ser tispjega iktar ‘il quddiem, cioe`, *ai fini* tal-kalkolu tal-*lucrum cessans*. Izda t-talba ghar-rimbors ta' sieghat ta' sahra mhux mahduma *in toto* m’huwiex sostenibbli u lanqas gust fil-konfront tal-*employer*. Kif osserva d-difensur tal-korporazzjoni konvenuta, is-sahra mhux xi dritt garantit. Il-Qorti zzid li lanqas hu garantit bhala fatt ghaliex is-sitwazzjoni tal-attur u l-esigenzi tal-korporazzjoni setghu dejjem jinbidlu.

Ghalhekk il-Qorti ser tillikwida bhal **Damnum Emergens** l-ammont ta' **€5,479.66.**

***'Lucrum Cessans'***

Rigward dan il-punt, hu assodat fil-gurisprudenza taghna li l-principji stabbiliti fil-kawza ewlenija **“Michael Butler vs Peter Christopher Heard” -** A.C. dec. fit-22 ta’ Dicembru 1967, li tat origini ghalhekk imsejha *multiplier system* gew aggustati ghaz-zminijiet aktar ricenti, pero’ giet aggustata ghaz-zminijiet aktar ricenti peress li, kif intqal fil-kawza **“Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et”-** A.C. dec. fis-16 ta’ Novembru 1983, *“ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu”.*

Din is-sistema, ghalkemm mhix perfetta, izda, dejjem serviet bhala linja ta' gwida ghall-Qrati taghna, fl-assenza ta' soluzzjonijiet ohra, peress li hu ghaqli li tinzamm certu uniformita' fis-sentenzi. Madanakollu l-Qrati taghna jikkustodixxu b'rigorozita' l-jedd li japplikaw gudizzju iktar ampju u wiesa’ diskrezzjonali sabiex jigi zgurat il-gustizzja kemm mad-danneggjat kif ukoll ma' min jitqies responsabbli ghall-hsara.

Ghalhekk insibu li l-Qrati taghna rritenew li ghandhom id-diskrezzjoni li jkunu iktar flessibbli *o meno* rigoruzi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti **f'*Butler vs Heard***. Hekk gie ritenut li ghandhom juzaw "*l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi”.* -"**Savona vs Asphar"**: App. deciza fil-23 ta' Gunju 1952***;*** *u li "ghandu jintuza bhala bazi wkoll f’dan il-kaz bid-differenza li n-numru ta’*

*snin ghandu jittiehed ghas-snin kollha tal-hajja lavorattiva tal-korrut*." (**Emanuel Mizzi vs Carmel Attard**:- 13.5.2003); u li "*dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċita` ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabbilta'. Inoltre, id-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, li meta tingħata b'sentenza m'hijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-rejalta`*" - "**Francis Sultana vs John Micallef et noe. et**" **-** Appell : 20.7.1994).

Il-kwistjoni tal-*multiplier* li normalment jintuza bhala mezz biex it-telf ta' qligh li jinghata d-danneggjat jigi kalkolat, hija wahda li dwarha l-Qrati taghna f'dawn l-ahhar zminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-*multiplier* bhala:

*"A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue-that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the `contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases"* (**Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), pag. 122).**

Minbarra dan, il-bixra ta' hsieb wara sentenzi ta' dawn l-ahhar snin f'dan il-qasam qieghda xxaqleb lejn it-tnehhija ta' skemi rigidi li jistghu jfixklu l-ghoti ta' kumpens misthoqq u xieraq ghac-cirkostanzi. Wahda minn dawn l-izviluppi hija fil-massimu tal-*multiplier,* fejn ghal numru kbir ta' snin ma tqisx li seta' jaqbez l-ghoxrin (20). Ghar-ragunijiet li l-Qorti ghandha tfittex qabel kull haga ohra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun garrab hsara, u li terga' tqieghed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li

kienet qabel l-incident, illum huwa accettat u approvat mill-oghla Qrati taghna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma’ kriterji arbitrarji.[17]

Gie stabbilit ukoll li l-*multiplier* ghandu jibda jitqies minn dakinhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet il-griehi, (App.Civ. 16.11.1983 fil-kawza fl-ismijiet **Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri**) u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal ghal-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala danni.

L-ammont finali kkomputat fid-diskrezzjoni tal-Qorti ghandha thares lejn "ic-*chances and changes of life" -* **“Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace”** (Q.A. tal-5 ta’ Marzu 1986) fejb intqal illi: *“In-numru ta’ snin adottat bhala multiplier m’ghandux ikun bazat fuq l-aspettativa tal-hajja in generali tad-danneggjat izda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tieghu u ghalhekk jittiehdu in konsiderazzjoni c-'chances and changes' tal-hajja.*

In linja ta' massima, izda, kif inghad mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta’ Jannar 1973 fil-kawza **Borg pro et noe vs Muscat:**

*“L-iskop tal-hlas tad-danni huwa dak li terga’ tpoggi lil min ikun soffrihom fil-posizzjoni daqs li kieku huwa ma gralu xejn”.*

Illi fil-fatt din it-tendenza, alimentata mill-animu sabiex id-danneġġjat ikun verament u realment ikkumpensat tad-danni li sofra, u dan apparti l-kunċett ta’ “pain and suffering”, ġiet meħuda wkoll *oltre* f’ċerti pronunzjamenti mill-Qrati tagħna, fosthom “***Mary Bugeja vs George Agius***”[18] li sostniet illi: “*Il-Qrati fil-pronunċjamenti tagħhom dwar il-kriterji li għandhom jintużaw biex jippruvaw jagħmlu tajjeb għall-inċertezzi li l-likwidazzjoni ta’ danni f’każijiet simili, dejjem jagħtu lok għalihom li qatt ma jirrinunżjaw għall-fakolta’ diskrezzjonali tagħhom*." Dik l-

[17] Ara ukoll. **“Mary Bugeja nomine et vs George Agius nomine”** - App. dec. fis- 26 ta’ Lulju 1991; **“Vincent Axisa vs Alfred Fenech et”** (P. A. 16 ta’ April 1991) **Carmelo Camilleri vs Alfred Falzon”** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta’Mejju;

[18] App. dec. fis- 26 ta’ Lulju 1991

Onorabbli Qorti ppronunzjat ruħha li taqbel li għandu jkun hemm ċerta elastiċita' ta' kriterju għaliex il-pronunzjament huwa wieħed ta' probabbilta' "*Id-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss li meta tingħata b'sentenza mhix aktar soġġetta għall-ebda reviżjoni. Għalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realta*'".

Din l-istess vina ġiet segwita fil-kawżi "***Emanuel Agius vs Joseph Galea et nomine***" (Dec. fil-11 ta' Lulju 1989) u "***Mario Camilleri vs Mario Borg et nomine***" fejn ingħad illi:

*"Il-Ġustizzja li taf il-Qorti hija dik li fil-limiti tar-realta' u kemm huwa possibbli, terġa' tpoġġi l-vittma, ta' kwalsiasi att inġust, fl-istat li kienet qabel. Huwa nġust li f'dawn il-każijiet, u fejn ir-restituzzjoni fiżika tal-ġisem u s-saħħa tal-vittma tal-att illegali u nġust ta' ħaddieħor m'huwiex possibbli, ma tassikurax kemm tista' jkun kompensazzjoni adegwata. Altru milli imprevist. L-eżerċizzju huwa fuq ir-realta' sakemm hija prevedibbli a bażi ta' statistika u nduzzjoni*".

Illi aktar jidher ċar li abbażi tal-liġi tagħna, il-kwantifikazzjoni tad-danni hija fl-attitudini wiesgħa mħollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, u għalkemm ċerti prinċipji għandhom jeżistu, u fil-fatt jeżistu għas-soluzzjoni tal-istess, dawn ċertament ma humiex assoluti, u l-Qorti żgur li ma hijiex obbligata li tapplika l-istess, speċjalment meta r-riżultat tal-applikazzjoni tagħhom ma jwassalx għall-kumpens reali u adegwat.

**Kalkolazzjoni tal-*Lucrum Cessans***

Applikati dawn il-principji jirrizulta li l-attur kellu 41 sena meta sehh l-incident u kien impjegat bhala *senior fitter* mal-Korporazzjoni Enemalta b'rata ta' paga bazika ta' Lm429.53 kull erbgha (4) gimghat (Lm107.38 ossia €250.13 fil-gimgha).

Il-Qorti hija wkoll soddisfatta li l-attur kien jinkrementa l-paga tieghu bi dhul regolari mis-sahra fl-ammont ta' bejn Lm1,000 u Lm1,200 fis-sena (circa Lm23 jew €53.75 fil-gimgha). Kif spjegat gja, ma taqbilx mat-tezi tal-attur li ghandu jigi rimborsat ghat-telf effettiv daqslikieku baqa' jahdem *l-overtime,* ghaliex dan johloq ingustizzja ghall-konvenut. Min-naha l-ohra, id-dhul regolari tieghu kienet tinkludi d-dhul mis-sahra, b'mod li kieku dan id-dhul kien jonqos, l-attur kien ikollu l-opportunita' u l-ghazla li jfittex impieg iehor b' kondizzjonijiet ahjar. Minhabba l-incident, m'ghadx ghandu l-privilegg u beneficcju ta' din l-ghazla u huwa kostrett li jibqa' fl-istess post tax-xoghol minghajr opportunitajiet ta' promozzjoni jew zieda sostantiva fid-dhul. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex m'ghandhiex izzid mal-*basic wage* tal-attur id-dhul li kien igawdi regolarment mill-*overtime.*

Mhux biss imma l-Qrati taghna addottaw sistema ta' awment tal-*basic wage* biex jaghmel tajjeb ghall-effetti tal-inflazzjoni li taffettwa *purchasing power* ta’ dak li jkun. Illi kif gie deciz minn din il-Qorti diversament komposta fis-sentenza fl-ismijiet "***Galea v. Fenech"*** - deciza fis-16 ta’ Marzu 2004, “Meta d-danni jirrapprezentaw kumpens ghal telf futur, il-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu percepit fid-data tal-incident progettat fuq il-firxa tas-snin maghzula bhala “multiplier”.

**Il-Qorti ghalhekk ser taddotta zieda ta' 12% fuq il-paga bazika ta' €250.13 + €30 (zieda ta' 12%) = €280.13 + €53.75 li jirrifletti d-dhul mis-sahra. B'kollox il-*multiplier* ghandu jinhadem fuq paga ta' €333.38 fil-gimgha.**

Izda peress li l-introjtu tieghu sas-sena 2005 huwa stabbilit, kif jirrizulta mill-*payslip* tieghu esebit kif ukoll minn dawk ta' Mario Cassar. Fuq l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kaz ***"Darren Sammut v Eric Zammit"*** fuq citat, "*Dan kien l-introjtu effettiv tal-attur. Hawn ghalhekk mhux si tratta ta’ kalkolu fittizzju progettat fil-futur, izda certezza"* u konsegwentement ghaz-zmien li l-introjtu tal-attur kien maghruf u cioe` bejn in-1999 u t-2005 bla pregudizzju ghal ‘lucrum cessans’ futur, l-attur ghandu jigi

kompensat bir-rata ta’ 20% tal-introjtu maghruf ghall-perjodu in kwistjoni u cioe` 20% tar-rati segwenti fil-gimgha:

€ 202.98 (Lm 87.14) (1999) (**Dok. BF7) X 52** = €10,554. 96
€ 214.60 (Lm 92.13) (2000) (**Dok. BF3) X 52** = € 11,159.20
€ 241.95 (Lm103.87)(2001) (**Dok. BF2) X 52** = € 12,581.40
€ 245.74 (Lm105.50) (2002) (**Dok. BF7) X 52** =€ 12,778.48
€ 236.73 (Lm101.63) (2003) (**Dok. BF6) X 52** =€ 12,309.96
€ 241.97 (Lm103.88) (2004) (**Dok. BF5) X 52** =€ 12,582.44
€ 250.13 (Lm107.38) (2005) (**Dok. BF1) X 52** =€ 13,006.76

**€84,973.20**

Ma' dawn ghandu jizdied id-dhul mill-*overtime* ikkalkulat bir-rata ta' €53.75 X 52 gimgha X 7 snin = €19,565

**Dhul totali ghas-snin**: 1999-2005 = €84,973.20+ €19,565 = €104,538.20
20% ta' €104.538.2 **= €20,907.64**

Peress li l-attur kellu 41 meta sehh l-incident, il-Qorti ser tadotta *multiplier* ta' 24 sena billi li l-eta` ta' rtirar u l-hajja lavorattiva tal-bniedem illum il-gurnata zdiedet ghal 65 sena. Huwa minnu li l-attur jahdem f'xoghol ta' strapazz, izda l-potenzjal ghax-xoghol tieghu gie mnaqqas direttament b'effett tal-incident u anke l-kapacita` tieghu biex itejjeb il-kondizzjonijiet tal-impieg.

Il-Korporazzjoni konvenuta ssottomettiet li hi gja qed taghmel hafna mal-impjegat peress li zammitu fl-impieg u difatti mart l-attur xehdet li jista' jaghmel biss *light work.* Izda dan l-argument m’huwiex gustifikabbli. L-attur qed jithallas tax-xoghol li ghamel u tenut kont li wegga' fuq ix-xoghol minhabba proprju n-nuqqas ta' sigurta` provvdut

mill-istess Korporazzjoni, din ghandha l-obbligu li toffrilu xoghol alternattiv maghha biex ma jitlifx l-impieg.

Il-Qorti taghmel riferenza ghal dak ritenut mill-Qorti tal-Appell fil-kaz fl-ismijiet ***"George Gatt -v- Francis Carbone"*** - dec. fis-7 ta' Lulju 1998. F'dik il-kawza l-Qorti kellha l-opportunita' li tittratta oggezzjoni simili ghal dik sollevata mill-korporazzjoni Enemalta u dwar dan qalet hekk:

*"Il-fatt li llum l-appellat qed jahdem u qed jaqla' aktar milli kien jaqla' qabel ma korra ma jfissirx li l-appellat ma setax isib opportuntajiet ahjar ta' xoghol kieku ma korriex. Id-dizabbilta` necessarjament timplika nuqqas fl-appellat fil-potenzjal tieghu ghax-xoghol mhux biss mal-appellant stess imma ma' terzi jew anke li jahdem ghar-rasu. Wiehed ghandu ragjonevolment jassumi li d-dizabbilta` ma taghtix vantaggi anzi taghti zvantaggi bhal ma huwa li wiehed ikollu jibqa' f'impieg fejn korra ghax haddiehor li mhux responsabbli ghad-dizabbilta` ma jkunx ippreparat li joffrilu xoghol alternattiv b'rimunerazzjoni ahjar minn dak attwali, li kien jista' forsi ikun offert kieku ma kellux dizabbilta`"*

Il-Qorti ikkonkludiet li l-fatt li l-konvenut f'dik il-kawza zamm lill-attur fl-impieg ma kienx jitqies b'hekk li kien qed jikkompensah ghad-danni imma kien qed jirremunerah ghal xoghlu.

Ghalhekk l-ammont totali dovut lill-attur bhala kumpens ghal-*lucrum cessans* huwa s-segwenti:

1999 - 2005
**€20,907.64**

Ghas-snin rimanenti tal-*multiplier* cioe*:*

17-il sena (minn 24) X €333.38 X 52 gimgha
= €294,707.92
20% dizabbilta' **<u>€58,941.54</u>**
**Total dovut f'*lucrum cessans*** **€**
**79,849.22**

**Tnaqqis minhabba *lump sum payment***

Illi dwar il-*lump sum* jinghad illi fil-kawza fl-ismijiet "**Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe.**" (P.A. J.S.P.) deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru 1995, gie deciz hekk:

*"Fir-rigward tar-riduzzjoni ghal-'lump sum payment' il-Qorti............ jidhrilha li... ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghal-'lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tliet snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perjodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data".*

Aktar ricentement, il-Qorti tal-Appell, fil-kaz **"Annunziata *sive* Nancy Caruana vs Odette Camilleri"** deciza fis-27 ta' Frar 2004, irribadiet li "*Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba 'lump sum payment 'id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi ntavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhu l-incident ukoll relattiv.*"
Skont kriterju li gie elucidat u applikat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz **"Jos Agius v All Services Ltd"** (P.A.(TM) 1809/01 deciz fit-2 ta' Gunju '05) "*f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa ("lump sum payment") lill-beneficcjarji. Jekk id-decizjoni, pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-Qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza*."

Illi fil-kaz odjern ghaddew 14-il sena mid-data tal-incident u ghalhekk fuq l-iskorta tal-gurisprudenza citata mhu ser isir ebda tnaqqis. Kif gie kostantament ritenut dan mhux qed isir biex jiġi penalizżat il-konvenut imma għax mhux possibbli li jiġi degretat il-ħlas tal-imgħax mid-data meta ġiet kaġunata l-ħsara. (Ara sentenzi fl-ismijiet "***Caruana***

***vs Camilleri"***[19]; "***Desira vs Cassar"***[20]; "***Gauci Raymond pro et noe vs Galea Christopher***"[21] u "**Joseph Bartolo pro et noe et vs George Zammit**"[22]).

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha l-ammont globali li ghandu jircievi r-rikorrenti huwa:

| | |
|---|---|
| Damnum emergens: | € 5,479.66 |
| Lucrum cessans: | € 79,849.22 |
| **Total:** | **€ 85,328.88** |

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tichad** l-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni konvenuta, **tilqa'** it-talbiet rimanenti tal-attur billi: -

**2. Tilqa' t-tieni talba attrici** u tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'rizultat tal-incident imsemmi fl-ammont ta' hamsa u tmenin elf, tliet mija u tmienja u ghoxrin ewro u tmienja u tmenin centezmu **€85,328.88.**

**3. Tilqa' it-tielet talba attrici** u tikkundanna lill-Korporazzjoni konvenuta thallas lill-attur din is-somma hekk likwidata ta' hamsa u tmenin elf, tliet mija u tmienja u ghoxrin ewro u tmienja u tmenin centezmu (**€85,328.88)** bl-imghaxijiet legali dekorribbli millum sad-data tal-pagament effettiv.

**L-ispejjez kollha jithallsu mill-Korporazzjoni konvenuta.**

**Moqrija.**

---

[19] 36 Prim Awla, 5 t'Otubru 1993.
[20] 37 Prim Awla, 13 ta' Jannar 1995
[21] 38 Prim Awla, 26 t'April 2001.
[22] 39 Prim Awla, 30 t'April 2001.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------